MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Appell Civili Numru. 5/2005

**Raymond Ellul**

**vs**

**Galea Ceramics Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Settembru, 2005, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-26 ta' Novembru 2004 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' mitejn u sebgha u disghin Lira Maltin (Lm297) rapprezentanti difetti li hargu wara li xtrat kamra tal-banju;

L-intimat ipprezenta Risposta ghal din it-talba pero` m' attendiex ghal xi seduti;

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienet xtrat kamra tal-banju minghand id-ditta ntimata u wara gimgha hargu hafna difetti;

2. L-intimat minkejja li ssottometta Risposta u attenda ghal seduta fejn obbliga ruhu li jaghmel xi tiswijiet;

3. It-Tribunal wara li sema lir-Rikorrenti jinnota li hija kredibbli u jinnota li dawn it-tiswijiet ma sarux;

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' mitejn u sebgha u disghin lira Maltin (Lm297) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza b' dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali u b' hekk ippregudikalha b' mod gravi l-jeddijiet taghha;

(2) Is-sentenza hi nieqsa ghal kollox minn kwalsiasi motivazzjoni u ghalhekk ghandha titqies nulla;

(3) Fil-meritu, kien jaggrava fuq l-appellat li jipprova li fil-mument tal-konsenja l-banju kien difettuz;

(4) Ukoll, l-appellat naqas li jgib prova ta' l-ammont minnu reklamat;

Taht l-ewwel kap ta' aggravju s-socjeta` appellanti qed tissottometti illi (a) intentat diversi drabi tesegwixxi l-ordni tat-Tribunal billi taghmel ix-xoghol rimedjali imma giet imfixxkla f' dan mill-appellat; (b) ma kienetx certa jekk fid-29 ta' Awissu 2005 kienx ser ikun hemm smigh tal-kaz jew le, u fid-dawl ta' dak li gara lanqas kienet taf jekk u kif kien ser jizvolgi l-kaz, u (c) ma kellha ebda indikazzjoni mit-Tribunal illi dan ser jghaddi ghall-pronunzjament tas-sentenza sakemm imbaghad ma rciviex kopja taghha bil-posta. Konsegwentement, targuwixxi illi, in vista ta' dak minnha sottomess, hi giet privata mid-dritt li ssemma lehinha, u dan bi ksur tal-principju "*audi alteram partem*". Il-Qorti ghalhekk qed tigi invitata biex tezamina jekk gewx salvagwardati d-dritt tas-socjeta` appellanti li tinstema' u tressaq is-sottomissjonijiet taghha u jekk allura huwiex il-kaz li s-sentenza tigi annullata;

Huwa provvdut bl-Artikolu 23 (1) ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378) illi "l-arbitru jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal bil-mod li jahseb li jkun l-aktar xieraq ghall-finijiet li tintaghmel gustizzja, skond id-dettami tal-gustizzja naturali". Mill-inkartament tal-kaz jirrizulta illi fl-ewwel seduta ta' l-1 ta' Awissu 2005 dehru l-partijiet u li t-Tribunal ghadda biex ordna lis-socjeta` appellanti biex tipprova ssewwi d-difett konsistenti f' "*hair line crack*" fil-banju minnha vendut. Mill-verbal jirrizulta li l-kaz gie differit ghat-30 ta' Awissu 2005. F' din l-ahhar imsemmija data s-socjeta` appellanti naqset li tidher u fuq l-informazzjoni moghtija lilu mill-appellat illi s-socjeta` appellanti ma komplietx it-tiswijiet, it-Tribunal halla l-kaz ghas-sentenza ghas-6 ta' Settembru 2005;

Dan precizat, ma tezisti ebda kwestjoni illi t-Tribunal, u dan ighodd ghal kwalsiasi tribunal iehor, gudizzjarju jew kwazi gudizzjarju, kien mistenni li jhares skrupolozament il-principju ta' gustizzja naturali "*audi alteram partem*". Tant dan hu mportanti illi propjru l-istess Att fuq imsemmi jakkorda specifikament dritt ta' appell lil min ihossu

aggravat li fil-konfront tieghu saret vjolazzjoni tal-principju msemmi [Artikolu 22 (2)];

Issa anke kieku wiehed kellu joqghod ghal dak sottomess mis-socjeta` appellanti, ma jidherx, imbaghad, li r-ragunijiet sottomessi minnha b' sokkors tal-principju suddett, jimmeritaw tabilhaqq l-indulgenza ta' din il-Qorti. L-ewwel raguni li hi giet ostakolata mill-appellat fl-ezekuzzjoni tar-riparazzjoni ordnata ma tirrizultax li giet minnha ventilata quddiem it-Tribunal, kif hekk kellu jkun il-kaz. Dan hu bil-wisq ovvju mill-motivi l-ohra sottomessi li manifestament juru li hi naqset milli tattendi ghas-seduta tat-30 ta' Awissu 2005 biex hemm tati l-ispjega li issa qed tressaq f' dan l-istadju. Ma ntqal xejn minnha li hi kienet fl-impossibilita` li tidher f' dik is-seduta imma biss assumiet li l-presenza taghha ma kienetx vitali. Ghall-Qorti dan l-assunt taghha kien irragonevoli u zbaljat. Is-socjeta` appellanti ma kellha tassumi xejn minn dan. Il-presenza taghha kienet allura tiddependi mill-volonta` taghha u hi ma kellhiex arbitrarjament tiddeciedi li ma tattendix. Il-kawza hi tal-partijiet u mhux tat-tribunal li jkun adit. Kieku ndenjat tattendi setghet liberament taghmel il-prova tat-tfixkil allegat minnha u, inoltre, kienet tkun taf ukoll li l-kaz kien thalla ghad-decizjoni. Fic-cirkustanzi maghrufa s-socjeta` appellanti ma ghandhiex ragun tilmenta li hi sofriet xi privazzjoni ngustament b' tali mod li dan jintitolaha tirrevendika d-dritt ta' smigh xieraq. In-nuqqas kien taghha u mhux tat-Tribunal; anzi dan sew agixxa meta ttratta u ddecieda l-kaz quddiemu fuq il-provi prezentanti lilu. *In finis*, fuq dan il-punt, wiehed ma jridx dejjem jinsa dak li drabi ohra gie ammonit mill-Qrati, jigifieri l-principju "*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnun sentire*" (**Kollez. Vol. XXXIX P I p 396** u "**Doris Camilleri -vs- Cettina Scerri**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, 25 ta' Frar 2004). Minn dak li ntqal hu l-kaz li s-socjeta` appellanti, inevitabilment, ippregudikat, bin-non-kuranza taghha ghall-proceduri, id-dirtt taghha ghas-smigh xieraq minnha, b' dan l-appell, invokat. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi michud;

Fuq it-tieni obbjezzjoni ghas-sentenza appellata, irid jinghad in linea preliminari illi din il-Qorti, f' bosta decizjonijiet taghha, kellha okkazjoni tirregistra, b' ripetizzjoni u b' affermazzjoni ta' gudikati ohra anterjuri minn Qrati ohra qabilha, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull gudizzju. Dan anke jekk ghal kazijiet specifici quddiem it-Tribunal partikulari ma humiex rikjesti "motivi mtawlin" dwar kif dak it-Tribunal ikun wasal ghad-decizjoni tieghu [Artikolu 23 (2) (d) ta' l-Att imsemmi]. Dejjem hu mportanti pero` li tinghata dak il-minimum ta' raguni, almenu biex il-kontendenti jkollhom is-sodisfazzjoni baziku ghaliex it-talba, jew id-difiza ghaliha, tkun giet michuda jew milqugha;

Proprju s-sentenza "**Rose Loftus *et* -vs- Ray Mallia (Blye Engineering Co Ltd)**", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Lulju 1999 tfisser il-precitat artikolu b' dan il-mod:-

"(1) L-Arbitru hu obbligat li jaghti motivazzjoni ghad-decizjoni tieghu;

(2) Li din id-decizjoni kellha tkun wahda konciza imma li taghti l-punti principali li fuqhom ikun immotiva l-konvinzjoni tieghu;

(3) Li l-motivazzjoni, aktar minn elenku ta' fatti provati, kellha taccenna ghar-'*ratio decidendi*' fuq dawk il-fatti;

(4) Li kellu necessarjament ikun hemm rabta logika bejn il-motivazzjoni u d-decizjoni";

Precizati dawn ir-regoli, is-socjeta` appellanti tillanja illi s-sentenza appellata mhux biss ma fihiex s-sodisfazzjoni ta' motivazzjoni konciza li wasslet lill-Arbitru ghad-decizjoni tieghu imma ma tikkontjeni motivazzjoni xejn. Hija ssostni dan bl-argoment li t-Tribunal ma ghamelx apprezzament kif suppost tal-fatti u ta' l-aspetti guridici applikabbli ghall-kaz;

Ezami tas-sentenza appellata turi li t-Tribunal ipprovda ghal kaz din il-motivazzjoni: "It-Tribunal wara li sema' lir-

rikorrenti jinnota li hi aktar kredibbli u jinnota li dawna t-tiswijiet ma sarux”. Minn dan hu desumibbli li t-Tribunal ibbaza l-parti razzjonali tad-decizjoni tieghu kemm fuq il-motiv li hu deherlu li l-versjoni ta’ l-appellat kienet wahda aktar verosimili u attendibbli minn dik tas-socjeta` appellanti kif ukoll ghall-motiv li, nonostante l-ordni espressa tieghu, is-socjeta` appellanti naqset milli taghti ezekuzzjoni ghar-riparazzjonijiet okkorrenti. Taht dan l-aspett, biex wiehed jissellef il-hsieb ta’ din il-Qorti, per Imhallef Joseph Said Pullicino, fis-sentenza “**Charles Sultana -vs- A. C. K. Ltd**”, 27 ta’ Ottubru 2000, “hija skorretta s-sottomissjoni ta’ l-appellanti illi d-decizjoni hija nieqsa mill-motivazzjoni li tiggustifika d-decide. In fatti t-Tribunal espressament jghid li fil-fehma tieghu ‘il-verzjoni ta’ l-intimat hi aktar kredibli’ minn dik ta’ l-attur. Motivazzjoni din li hi adegwata biex tesprimi konkluzjoni fuq apprezzament ta’ provi, mismugha *viva voce*, meta l-meritu ma kienx jinvolvi finalment punt ta’ dritt rilevanti”. Ukoll ghal dan il-hsieb, li qed jigi hawn adottat, mhux il-kaz li din il-Qorti taccetta lanqas dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti fuq dan il-punt devolut lilha;

Riferibilment ghat-tielet u r-raba’ aggravji li qed jigu kkonsidrati flimkien, dawn jidher li huma sempliciment kritika tal-valutazzjoni ta’ fatt espress mit-Tribunal u din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza biex tissindika kwestjonijiet ta’ fatt. Huwa veru li skond l-Artikolu 21 (1) ta’ l-Att, it-Tribunal ghandu jirrizolvi l-kwestjonijiet quddiemu skond il-gustizzja sostantiva u skond l-ekwita`. Daqstant iehor pero` huwa veru li l-gustizzja sostantiva timporta li l-Arbitru ghandu jiddeciedi *“iuxta allegata et probata*” u ma jidherx li hu sewwa li jiddeciedi kontra dak li ma jkunx gie hekk provat u sostenut. Fil-kaz partikulari, imbaghad, jidher li s-socjeta` appellanti ammettiet l-ezistenza tad-difett u sahansitra accettat ukoll li ssewwi. Huwa inutili allura li issa tipprova targomenta l-kontra b’ rikors ghal certi principji legali li strettament, ma jaqghux fil-parametri limitati fejn hu konsentit appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal. Dippju, jerga’ jekk hemm bzonn jigi ribadit, illi l-argumenti, issa additati, messhom tressqu minnha quddiem it-Tribunal, fejn kellha l-

opportunita` li hekk taghmel. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddisturba d-decizjoni tat-Tribunal fil-mertu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell devolut lilha u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew ukoll mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------